CPV 3314175 (ġogi artifiċjali); jew

CPV 33185 (apparat tas-smigħ);

(m) Apparat ibbażat fuq l-użu tar-raġġi-X jew fuq ir-radjazzjoni alfa, beta, gamma jew jonizzanti oħra, kemm jekk għall-użi mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji u kemm jekk le, inkluż l-apparat għar-radjografija jew għar-radjoterapija, it-tubi tar-raġġi-X u ġeneraturi oħrajn tar-raġġi-X, il-ġeneraturi ta' tensjoni għolja, il-panels u d-desks ta' kontroll, l-iskrins, l-imwejjed, is-siġġijiet u affarijiet simili għall-eżaminazzjoni jew għat-trattament: inklużi fin-NM 9022 u fis-CPV 33151 (Apparati u provvisti tar-radjoterapija); kif ukoll

(n) Idrometri u strumenti simili li jżommu f'wiċċ l-ilma, termometri, pirometri, barometri, igrometri u psikrometri, li jirrekordjaw jew le, u kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn l-istrumenti inklużа f'NM 9025 u f'CPV 38411 (Idrometri), 38412 (Termometri), 38413 (pirometri), 38414 (Igrometri), jew 38415 (Psikrometri).

4. Fir-rigward tal-Brażil, sa fejn dawn huma koperti f'dan l-Appendiċi, l-oġġetti kollha tas-settur tas-saħħa huma esklużi.

Appendiċi 20-A-5

SERVIZZI, APPARTI SERVIZZI TA' KONSTRUZZJONI

Soġġett għan-Noti ta' dan l-Appendiċi u n-Noti Ġenerali fl-Appendiċi 20-A-7, il-Kapitolu 20 ikopri fir-rigward tal-akkwist mill-entitajiet tal-akkwist speċifikati fl-Appendiċijiet 20-A-1 sa 20-A-3 is-servizzi li ġejjin, għajr is-servizzi tal-kostruzzjoni, identifikati f'konformità mal-Klassifikazzjoni Ċentrali Proviżorja tal-Prodotti tan-Nazzjonijiet Uniti (CPC), kif jinsab fid-dokument MTN.GNS/W/120[1].

Servizzi	Nru ta' referenza tas-CPC
Servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija	6112, 6122, 633, 886
Servizzi ta' trasport fuq l-art, inkluż servizzi ta' vetturi korazzati, u servizzi ta' kurrier, ħlief it-trasport tal-posta	712 (ħlief 71235), 7512, 87304
Servizzi ta' trasport bl-ajru ta' passiġġieri u ta' merkanzija, bl-esklużjoni tat-trasport tal-posta	73 (ħlief 7321)
Il-ġarr tal-posta fuq l-art, minbarra bil-ferrovija, u bl-ajru	71235, 7321
Servizzi tat-telekomunikazzjoni	752
Servizzi finanzjarji	ex 81
(a) Servizzi tal-assigurazzjoni	812, 814
(b) Servizzi tal-banek u ta' investiment***	
Servizzi tal-kompjuters u servizzi relatati	84
Servizzi kontabilistiċi, tal-awditjar u ta' żamma tal-kotba	862
Servizzi ta' riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni pubblika	864
Servizzi ta' konsulenza fl-amministrazzjoni u servizzi relatati	865, 866****
Servizzi arkitettoniċi servizzi tal-inġinerija u servizzi tal-inġinerija integrata, tippjanar f'żoni urbani u servizzi arkitettoniċi fil-qasam ta' landscaping; Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika; servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi	867
Servizzi ta' riklamar	871
Servizzi ta' tindif tal-bini u servizzi ta' ġestjoni tal-proprjetajiet	874, 82201 sa 82206
Servizzi ta' pubblikazzjoni u ta' stampar fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt	88442
Servizzi tad-drenaġġ u ta' tneħħija ta' skart, ta' sanità u servizzi simili	94

[1] Lista ta' klassifikazzjoni settorjali tas-servizzi, Nota mis-Segretarjat tal-GATT tal-10 ta' Lulju 1991.

Noti għall-Appendiċi 20-A-5

1. L-akkwist mill-entitajiet tal-akkwist elenkati fl-Appendiċijiet 20-A-1, 20-A-2 u 20-A-3 ta' kwalunkwe wieħed mis-servizzi koperti minn dan l-Appendiċi huwa akkwist kopert fir-rigward tal-fornitur tas-servizz tal-MERCOSUR biss sal-punt li l-MERCOSUR ikun kopra dak is-servizz skont l-Appendiċijiet 20-B-5, 20-C-5, 20-D-5 jew 20-E-5, rispettivament.

2. Il-Kapitolu 20 ma japplikax għal servizzi li l-entitajiet iridu jixtru minn entità oħra skont dritt esklużiv stabbilit minn liġi, regolament, jew dispożizzjoni amministrattiva li jkunu ġew ippubblikati.

3. Fir-rigward tas-servizzi bankarji u ta' investiment, il-Kapitolu 20 ma japplikax għall-akkwist jew għall-akkwiżizzjoni ta' aġenzija fiskali jew ta' servizzi depożitarji, ta' servizzi ta' likwidazzjoni u ta' ġestjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji regolati jew ta' servizzi relatati mal-bejgħ, mal-ammortizzament u mad-distribuzzjoni ta' dejn pubbliku, inklużi self u bonds governattivi, noti u titoli oħrajn.

   Fl-Iżvezja, il-pagamenti lil u minn aġenziji tal-gvern iridu jgħaddu mis-Sistema Żvediża tal-Postal Giro (Postgiro).

4. Fir-rigward tas-servizzi koperti mis-CPC 866, il-Kapitolu 20 ma japplikax għas-servizzi ta' arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni.

5. Fir-rigward tal-Brażil, sa fejn dawn huma koperti f'dan l-Appendiċi, l-oġġetti kollha tas-settur tas-saħħa huma esklużi.

Appendiċi 20-A-6

SERVIZZI TA’ KOSTRUZZJONI U KONĊESSJONIJIET TA’ XOGĦLIJIET

A. Servizzi tal-kostruzzjoni:

1. Soġġett għan-Noti Ġenerali fl-Appendiċi 20-A-7, il-Kapitolu 20 ikopri s-servizzi kollha ta’ kostruzzjoni elenkati fid-Diviżjoni 51 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali Proviżorja tal-Prodotti akkwistati mill-entitajiet tal-akkwist speċifikati fl-Appendiċijiet 20-A-1 sa 20-A-3.

2. “Kuntratt għas-servizzi ta' kostruzzjoni” ifisser kuntratt li l-għan tiegħu huwa li jkunu mwettqa bi kwalunkwe mezz possibbli, ix-xogħlijiet ta' bini jew dawk ċivili, fis-sens mogħti tad-Diviżjoni 51 tas-CPC.

3. L-akkwist mill-entitajiet tal-akkwist elenkati taħt l-Appendiċijiet 20-A-1 sa 20-A-3 ta’ kwalunkwe wieħed mis-servizzi ta’ kostruzzjoni koperti taħt l-Appendiċi 20-A-6 huwa akkwist kopert fir-rigward ta’ fornitur ta’ servizz ta’ kostruzzjoni ta’ Stat Firmatarju MERCOSUR biss sal-punt li l-Istat Firmatarju tal-MERCOSUR ikkonċernat ikun kopra dak is-servizz ta’ kostruzzjoni skont l-Appendiċijiet 20-B-6, 20-C-6, 20-D-6 jew 20-E-6, rispettivament.

B. Konċessjonijiet għax-Xogħlijiet:

1. Kuntratti ta’ konċessjonijiet ta’ xogħlijiet mogħtija minn entitajiet tal-akkwist speċifikati fl-Appendiċi 20-A-1 għandhom ikunu soġġetti għall-Artikoli 20.6 u 20.11 limitati għall-forniturи ta’ servizzi ta’ kostruzzjoni tal-Arġentina u l-Brażil, sakemm il-valur tagħhom ikun daqs jew jaqbeż 5 000 000 (ħames miljun) SDR.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Appendiċi, "kuntratt ta' konċessjoni ta' xogħlijiet" ifisser kuntratt għal interess pekunarju konklużbil-miktub li permezz tiegħu l-entitajiet tal-akkwist jafdaw l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar li l-korrispettiv għalih jikkonsisti jew biss fid-dritt li jisfruttaw ix-xogħlijiet li huma s-suġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien mal-pagament. L-għoti ta' konċessjoni ta' xogħlijiet għandu jinvolvi t-trasferiment lill-operaturi ekonomiċi ta' riskju operazzjonali fl-isfruttament ta' dawk ix-xogħlijiet li jinkludu riskju ta' domanda jew ta' provvista jew it-tnejn. L-irkupru tal-investimenti magħmulin jew tal-kostijiet imġarrbin fl-operat tax-xogħlijiet ma għandux jiġi ggarantit.

Appendiċi 20-A-7

NOTI ĠENERALI

1. In-Noti li ġejjin għandhom japplikaw:

   (a) Il-Kapitolu 20 ma għandux japplika għall-akkwist ta' prodotti agrikoli li jsiru biex ikunu avvanzati programmi ta' sostenn agrikolu u programmi ta' alimentazzjoni tal-bniedem (eż. għajnuna f'ikel, inkluża dik ta' emerġenza);

   (b) Il-Kapitolu 20 ma għandux japplika għall-akkwist għall-akkwiżizzjoni, l-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-koproduzzjoni ta' materjal tal-programm minn xandara u kuntratti għall-ħin tax-xandir;

   (c) kuntratti mogħtija mill-entitajiet tal-akkwist speċifikati fl-Appendiċi 20-A-1 u 20-A-2 b'rabta ma' attivitajiet fl-oqsma tal-ilma tax-xorb, l-enerġija, it-trasport u s-settur postali mhumiex koperti mill-Kapitolu 20, sakemm ma jkunux koperti taħt l-Appendiċi 20-A-3; kif ukoll

   (d) fir-rigward tal-Gżejjer Åland (Ahvenanmaa), japplikaw il-kundizzjonijiet speċjali tal-Protokoll Nru 2 dwar il-Gżejjer Åland għat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Finlandja mal-Unjoni Ewropea, magħmul fi Brussell fis-26 ta' Lulju 1994.

2. L-Anness 20-A għandu japplika għall-oġġetti, is-servizzi u l-forniturи tal-Paragwaj mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-applikazzjoni tal-Anness 20-D. Jekk il-Paragwaj ma jagħmilx in-notifika bil-miktub imsemmija fl-Anness 20-D, l-Anness 20-A ma għandux japplika għall-oġġetti, is-servizzi, u l-forniturи tal-Paragwaj.

ANNESS 20-B

L-ARĠENTINA

Appendiċi 20-B-1

ENTITAJIET TAL-GVERN ĊENTRALI

Soġġett għan-Noti Ġenerali fl-Appendiċi 20-B-7, il-Kapitolu 20 japplika għall-akkwist imwettaq mill-entitajiet Arġentini elenkati f'dan l-Appendiċi, jekk il-valur tal-akkwist stmat f'konformità mal-Artikolu 20.4 ikun daqs jew jaqbeż il-limiti li ġejjin:

(a) Għal prodotti u servizzi

(i) Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sal-aħħar tal-ħames sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim: SDR 800 000 (tmien mitt elf).

(ii) Mis-sitt sena sal-aħħar tal-għaxar sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim: SDR 500 000 (ħames mitt elf).

(iii) Mill-ħdax-il sena (11) sal-aħħar tal-ħmistax-il sena (15) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim: SDR 300 000 (tliet mitt elf).

(iv) Mis-sittax-il sena (16) wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim 'il quddiem: SDR 130 000 (mija u tletin elf).

(b) Għas-servizzi tal-kostruzzjoni

(i) Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sal-aħħar tal-ħames sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim: SDR 8 000 000 (tmien miljuni).

(ii) Mis-sitt sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim 'il quddiem: SDR 5 000 000 (ħames miljuni).

Il-Kapitolu 20 japplika għall-entitajiet governattivi Arġentini elenkati hawn taħt:

1. Amministrazzjoni Ċentrali[1]

Il-Kapitolu 20 japplika għall-entitajiet kollha tal-amministrazzjoni ċentrali elenkati hawn taħt, inklużi l-entitajiet ċentralizzati subordinati tagħhom (secretarías, subsecretarías, Direcciones nacionales, Direcciones simples y organismos desconados)[2], sakemm ma jkunux speċifikament esklużi:

– Presidencia de la Nación (minbarra Agencia Federal de Inteligencia);

– Jefatura de Gabinete de Ministros;

– Ministerio del Interior, Obras Públicas y Vivienda;

– Ministerio de Relaciones Exteriores y Culto;

– Ministerio de Justicia y Derechos Humanos;

– Ministerio de Seguridad;

– Ministerio de Defensa;

[1] Għal aktar ċertezza, l-amministrazzjoni ċentrali ma tinkludix entitajiet jew korpi deċentralizzati, intraprizi tal-istat u entitajiet jew korpi oħra tal-amministrazzjoni pubblika nazzjonali.

[2] Għal aktar ċertezza, it-traduzzjoni bl-Ingliż kif ġej: segretarjati, sottosegretarjati, direttorati nazzjonali, direttorati sempliċi u entitajiet jew korpi dekonċentrati.

– Ministerio de Hacienda;

– Ministerio de Producción y Trabajo;

– Ministerio de Transporte;

– Ministerio de Educación, Cultura, Ciencia y Tecnología;

– Ministerio de Salud y Desarrollo Social; kif ukoll

– Ministerio de Agricultura, Ganadería y Pesca.

2. Entitajiet deċentralizzati

– Sindicatura General de la Nación;

– Instituto Nacional del Agua;

– Dirección Nacional del Registro Nacional de las Personas;

– Dirección Nacional de Migraciones;

– Tribunal de Tasaciones de la Nación;

– Instituto Nacional de Asuntos Indígenas;

– Instituto Nacional contra la Discriminación, la Xenofobia y el Racismo;

– Centro Internacional para la Promoción de los Derechos Humanos;

– Comisión Nacional de Valores;

– Superintendencia de Seguros de la Nación;

– Superintendencia de Servicios de Salud;

– Tribunal Fiscal de la Nación;

– Unidad de Información Financiera;

– Instituto Nacional de Tecnología Industrial;

– Instituto Nacional de la Propiedad Industrial;

– Instituto Nacional de Tecnología Agropecuaria;

– Instituto Nacional de Investigación y Desarrollo Pesquero;

– Instituto Nacional de Vitivinicultura;

– Instituto Nacional de Semillas;

– Servicio Nacional de Sanidad y Calidad Agroalimentaria;

– Instituto Nacional de Promoción Turística;

– Dirección Nacional de Vialidad;

– Comisión Nacional de Regulación del Transporte;

– Organismo Regulador del Sistema Nacional de Aeropuertos;

– Administración Nacional de Aviación Civil;

– Junta de Investigación de Accidentes de Aviación Civil;

– Servicio Geológico Minero Argentino;

– Ente Nacional Regulador del Gas;

– Ente Nacional Regulador de la Electricidad;

– Ente Nacional de Comunicaciones;

– Comisión Nacional de Evaluación y Acreditación Universitaria (CONEAU);

– Consejo Nacional de Investigaciones Científicas y Técnicas (CONICET);

– Biblioteca Nacional "Dr. Mariano Moreno";

– Instituto Nacional del Teatro;

– Fondo Nacional de las Artes;

– Superintendencia de Riesgos del Trabajo;

– Instituto Nacional Central Único Coordinador de Ablación e Implante;

– Administración Nacional de Laboratorios e Institutos de Salud Dr. Carlos Malbrán;

– Instituto Nacional de Rehabilitación Psicofísica del Sur Dr. Juan Otimio Tesone;

– Administración de Parques Nacionales;

– Instituto Nacional de Asociativismo y Economía Social; kif ukoll

– Teatro Nacional Cervantes.

3. Istituzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali

– Caja de Retiros, Jubilaciones y Pensiones de la Policía Federal Argentina;

– Instituto de Ayuda Financiera para pago de Retiros y Pensiones Militares; kif ukoll

– Administración Nacional de la Seguridad Social.

Appendiċi 20-B-2

ENTITAJIET TAL-GVERN SUBĊENTRALI

L-Arġentina għandha tibda proċedimenti ta' konsultazzjoni interna mal-gvernijiet provinċjali tagħha u mal-gvern tal-Belt Awtonoma ta' Buenos Aires, bil-ħsieb li timpenja livell sodisfaċenti ta' kopertura fil-livell subċentrali. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitwettqu bl-għan li jiġu involuti l-entitajiet kollha taħt tali gvernijiet subċentrali. Il-kopertura għandha titqies sodisfaċenti jekk tinkludi gvernijiet subċentrali li jiġġeneraw mill-inqas 65 % (ħamsa u sittin fil-mija) tal-PDG nazzjonali tagħha[1].

L-Arġentina għandha tikkonkludi dawn il-konsultazzjonijiet mhux aktar tard minn sentejn (2) wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u għandha tinnotifika minnufih lill-Unjoni Ewropea bir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet.

Dment li tkun inkisbet il-kopertura sodisfaċenti stabbilita fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Appendiċi, il-Kunsill Konġunt għandu jadotta deċiżjoni biex jimmodifika dan l-Appendiċi kif xieraq.

Jekk il-konsultazzjonijiet fil-livell subċentrali ma jwasslux għal eżitu sodisfaċenti fiż-żmien stipulat, l-Unjoni Ewropea u l-Arġentina għandhom jikkonsultaw bl-għan li jivvalutaw il-konsegwenzi għall-Kapitolu 20.

[1] Għall-finijiet tal-kalkolu tal-kopertura sodisfaċenti, il-PDG nazzjonali tas-sena tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandu jintuża bħala referenza, kif ikkalkulat mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika u ċ-Ċensiment (INDEC) tal-Arġentina.

Appendiċi 20-B-3

ENTITAJIET OĦRAJN

Il-Kapitolu 20 ma jkoprix entitajiet oħra.

Appendiċi 20-B-4

OĠĠETTI

Soġġett għan-Noti ta' dan l-Appendiċi u n-Noti Ġenerali fl-Appendiċi 20-B-7, il-Kapitolu 20 ikopri l-akkwist pubbliku kollu ta' oġġetti mwettaq minn entitajiet Arġentini elenkati fl-Appendiċi 20-B-1, bl-eċċezzjoni tal-oġġetti li jikkorrispondu għas-Sistema Armonizzata (SA) elenkata hawn taħt:

– ·L-Artikolu 8528: Monitors u projetturi, li ma jinkorporawx apparat ta' riċezzjoni għat-televiżjoni; tagħmir ta' riċezzjoni għat-televiżjoni, kemm jekk jinkorpora u kemm jekk ma jinkorporax fih tagħmir ta' riċezzjoni għax-xandir bir-radju jew tagħmir ta' rrekordjar jew riproduzzjoni tal-ħoss jew tal-vidjow:

– ·L-Artikolu 9403: Għamara oħra u partijiet tagħha:

– ·L-Artikolu 8415: Magni tal-arja kkondizzjonata; inklużi ventilaturi li jaħdmu bil-mutur u elementi għat-tibdil tat-temperatura u ta' l-umdità, inklużi dawk il-magni li bihom l-umdità ma tkunx tista' tkun irregolata separatament;

– ·L-Artikolu 940130: sits (seats) iduru b'aġġustament ta' għoli varjabbli;

– ·L-Artikolu 4802: Karta u kartun mhux miksijin, ta' tip użat għal kitba, stampar jew għanijiet grafiċi oħrajn, u kartun tal-ippanċjar u karta għat-tejp tal-ippanċjar mhux imtaqqbin, f'rombli jew folji rettangulari (inklużi kwadri), ta' kull qies, ħlief karta tas-subintestatura 48.01 jew 48.03; karta jew kartun magħmulin bl-idejn;

– ·L-Artikolu 3215: Linka tal-istampar, linka għall-kitba jew għat-tpinġija u linek oħrajn, kemm jekk konċentrati jew solidi jew le;

– ·L-Artikolu 4901: Kotba stampati, brochures, fuljetti u materjal stampat simili, f'folji waħda waħda jew le.

Noti għall-Appendiċi 20-B-4:

L-akkwist mill-Ministeri li ġejjin tal-oġġetti li ġejjin espressi fis-Sistema Armonizzata (SA) huma esklużi mill-Kapitolu 20:

Ministerio de Defensa and Ministerio de Seguridad:

– ·L-Artikolu 61: Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, innittjati jew maħdumin bil-ganċ;

– ·L-Artikolu 62: Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, mhux innittjati u mhux maħdumin bil-ganċ;

– ·L-Artikolu 4203: Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, tal-ġilda jew ta' ġilda artifiċjali;

– ·L-Artikolu 64: Xedd tas-saqajn, getti u simili; partijiet ta' dawn l-oġġetti

– ·L-Artikolu 6506.10: Elmi bulletproof biss;

– 6307.90.90 Ġkieket kontra l-balal biss;

– Tagħmir militari.

– ·L-Artikolu 8904: laneċ ta' rmonk u mezzi li jimbuttaw.

– ·L-Artikolu 8906: bastimenti oħrajn, inklużi bastimenti tal-gwerra u dgħajjes tas-sopravivenza għajr dgħajjes tal-qdif

Ministerio de Seguridad:

– ·L-Artikolu 8702: Vetturi bil-mutur għat-trasport għal għaxar persuni jew aktar, inkluż ix-xufier;

– ·L-Artikolu 8703: Karozzi bil-mutur u vetturi oħrajn bil-mutur prinċipalment maħsubin għat-trasport ta' persuni (ħlief dawk ta' titlu 8702), inklużi station wagons u karozzi tat-tlielaq;

– ·L-Artikolu 8704: Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' oġġetti.

– ·L-Artikolu 8705: Vetturi bil-mutur għal użu speċjali, ħlief dawk prinċipalment maħsubin għat-trasport ta' persuni u oġġetti (eż. trakkijiet għall-ħsarat, trakkijiet krejn, vetturi għat-tifi tan-nar, trakkijiet tal-mixers tal-konkos, trakkijiet għall-knis tat-toroq, trakkijiet biex ibexxu, workshops mobbli, unitajiet radjoloġiċi mobbli);

– ·L-Artikolu 8903: Dgħajjes biss.

Ministerio de salud y desarrollo social:

– ·L-Artikolu 2005: Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux friżati, ħlief prodotti tal-intestatura 20.06;

– ·L-Artikolu 0402: Ħalib u krema, konċentrati u biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu;

– ·L-Artikolu 1006: Ross;

– ·L-Artikolu 1902: Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew preparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (noodles), lasanji, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le;

– 2106.90.30 komplementi alimentarji;

– 3002.12.23 il-konċentrat tal-fattur VIII;

– 3002.15.10 interferon beta; peginterferon alfa-2-a;

– 3002.15.20 basiliximab (DCI); bevacizumab (DCI); daclizumab (DCI); etanercept (DCI); gemtuzumab ozogamicin (DCI); oprelvekin (DCI); rituximab (DCI); trastuzumab (DCI).

– ·L-Artikolu 3002.20: vaċċini għal mediċina umana;

– ·L-Artikolu 3003: medikamenti (ħlief oġġetti tal-intestatura 30.02, 30.05 jew 30.06) li jikkonsistu f'żewġ kostitwenti jew aktar li tħalltu flimkien għal użi terapewtiċi jew profilattiċi, mhux ippreżentati f'dożi meqjusin jew f'forom jew f'pakki għal bejgħ bl-imnut;

– ·L-Artikolu 3004: medikamenti (ħlief oġġetti ta' titolu 30.02, 30.05 jew 30.06) li jikkonsistu fi prodotti mħalltin jew mhux imħalltin għal użi terapewtiċi jew profilattiċi, ppreżentati f'dożi meqjusin (inklużi dawk f'forma ta' sistemi li jingħataw mill-ġilda (transdermali) jew f'forom jew f'pakki għal bejgħ bl-imnut:

– ·L-Artikolu 3005: tajjar, garża, faxex u oġġetti simili (per eżempju, infaxxar, stikk li jeħel, ġbajjar), mimlijin jew miksijin b'sustanzi farmaċewtiċi jew ippreżentati f'forom jew f'pakki għal bejgħ bl-imnut għal għanijiet mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji:

– ·L-Artikolu 3006: oġġetti farmaċewtiċi speċifikati fin-Nota 4 tal-Kapitolu SA korrispondenti:

– ·L-Artikolu 8419.20: sterelizzaturi mediċi, kirurġiċi jew ta’ laboratorju;

– ·L-Artikolu 9018: strumenti u apparat użati fi xjenzi mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji, inkluż apparat xintigrafiku, apparat ieħor elettromediku u strumenti għal eżamijiet tal-vista:

– ·L-Artikolu 9019: apparat tat-terapija mekkanika; apparat għal massaġġi; apparat għat-testijiet tal-kapaċità psikoloġika; Terapija bl-ożonu, terapija bl-ossiġnu, terapija bl-ajrusol, apparat ta’ respirazzjoni artifiċjali jew ta’ respirazzjoni terapewtika oħra;

– ·L-Artikolu 9021: apparat ortopediku, inklużi krozzi, ċinturini u rfid kirurġiċi; qassab u apparat ieħor għall-ksur; partijiet artifiċjali tal-ġisem; hearing aids u apparat ieħor li jintlibes jew jinġarr, jew li jiġi impjantat fil-ġisem, biex jagħmel tajjeb għal difett jew diżabbiltà;

– ·L-Artikolu 9022: apparat ibbażat fuq l-użu ta’ raġġi-X jew fuq radjazzjonijiet alfa, beta jew gamma, kemm jekk għal użi mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji jew le, inkluż apparat għal radjografija jew radjoterapija, tubi għal raġġi-X u ġeneraturi oħrajn għal raġġi-X, ġeneraturi ta’ tensjoni għolja, pannelli u deskijiet għal kontroll, skrins, imwejjed, siġġijiet u affarijiet simili għal eżami jew trattament;

– ·L-Artikolu 9025: idrometri u strumenti simili li jżommu f’wiċċ l-ilma, termometri, pirometri, barometri, igrometri u psikrometri, li jirreġistraw jew le, u kwalunkwe kombinament ta’ dawn l-istrumenti.

Appendiċi 20-B-5

SERVIZZI

Soġġett għan-Noti Ġenerali fl-Appendiċi 20-B-7, il-Kapitolu 20 ikopri l-akkwist pubbliku kollu tas-servizzi elenkati hawn taħt, imwettaq mill-entitajiet Arġentini elenkati fl-Appendiċi 20-B-1. Is-servizzi elenkati hawn taħt huma identifikati skont il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali Proviżorja tan-Nazzjonijiet Uniti (CPC), kif jinsab fid-dokument MTN.GNS/W/120.

LISTA TA' KLASSIFIKAZZJONI SETTORJALI TAS-SERVIZZI

SETTURI U SOTTO-SETTURI	CPC KORRISPONDENTI
1. SERVIZZI KUMMERĊJALI	Taqsima B
A. Servizzi professjonali	
a. Servizzi ta' kontabilità, awditjar u żamma tal-kotba	862
B. Servizzi tal-kompjuters u servizzi relatati	
a. Is-Servizzi ta' konsulenza relatati mal-installazzjoni ta' ħardwer tal-kompjuter	841
b. Servizzi ta' implimentazzjoni ta' softwer	842
c. Servizzi tal-ipproċessar tad-data	843

	d.	Is-Servizzi ta' Bażijiet tad-data	844
	e.	Xi ħaġa oħra	845.+849
F.		Servizzi tan-negozju oħrajn	
	a.	Servizzi ta’ riklamar	871
	b.	Servizzi ta’ riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni pubblika	864
	c.	Is-Servizzi ta’ konsulenza dwar il-maniġment	865
	d.	Servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali	866
	e.	Servizzi ta’ ttestjar u analiżi tekniċi	8676
	h.	Is-Servizzi inċidentali tal-minjieri	883.+5115
	m.	Servizzi relatati ta’ konsulenza xjentifika u teknika;	8675
	n.	Manutenzjoni u tiswija tat-tagħmir (eskluż bastimenti marittimi, inġenji tal-ajru u tagħmir tat-trasport ieħor)	663+8861-8866
	o.	Is-Servizzi tat-Tindif tal-Bini	874
	p.	Servizzi fotografiċi (minbarra servizzi ta’ fotografija ta’ speċjalità u servizzi ta’ pproċessar ta’ films ċinematografiċi) (CPC 87504 u 87506)	875
	q.	Servizzi ta’ ppakkjar	876

	r.	Stampar, pubblikazzjoni	88442
	s.	Is-Servizzi ta' Konvenzjoni	87909*
2.	SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI		
	B.	Servizzi ta’ kurrier	7512
	C.	Servizzi tat-telekomunikazzjoni: Ma jinkludix il-forniment ta’ faċilitajiet satellitari għal satelliti ġeostazzjonariji artifiċjali fis-servizzi satellitari fissi.	
	a.	Servizzi tat-telefown bil-vuċi	7521
	b.	Servizzi ta’ trażmissjoni ta’ data swiċċjati b’pakkett	7523**
	c.	Servizzi ta’ trażmissjoni ta’ data swiċċjati b’ċirkwit	7523**
	d.	Is-Servizzi tat-telex	7523**
	e.	Is-Servizzi tat-telegrafu	7522
	f.	Servizzi tal-fax	7521**+7529**
	g.	Servizzi ċirkwiti lokati privatament	7522**+7523**
	h.	Posta elettronika	7523**
	i.	Posta bil-vuċi	7523**

* L-(*) tindika li s-servizz speċifikat huwa komponent ta’ oġġett CPC aktar aggregat speċifikat x’imkien ieħor f’din il-lista ta’ klassifikazzjoni.

** L-(**) tindika li s-servizz speċifikat jikkostitwixxi biss parti mill-firxa totali ta’ attivitajiet koperti mill-konkordanza CPC (eż. posta bil-vuċi hija biss komponent tal-oġġett CPC 7523).

	j.	L-informazzjoni onlajn u estrazzjoni ta' bażi tad-data	7523**
	k.	L-interskambju ta' data elettronika (EDI)	7523**
	l.	Servizzi ta' facsimile b'valur miżjud/imtejba inklużi l-ħażna u l-bgħit, il-ħażna u l-irkupru	7523**
	m.	Konverżjoni ta’ kodiċi u protokoll	m.a.
	n.	Ipproċessar onlajn ta’ informazzjoni u/jew ta’ data (inkluż l-ipproċessar tat-tranżazzjoni)	843**
	o.	Xi ħaġa oħra	
6.	SERVIZZI AMBJENTALI		
	A.	Is-Servizzi tad-drenaġġ	9401
	B.	Is-servizzi tar-rimi tal-iskart	9402
	C.	Is-Servizzi ta’ sanità u servizzi simili	9403
9.	SERVIZZI TAT-TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVJAĠĠAR		
	A.	Lukandi u ristoranti inkluż (inkluż servizzi ta’ catering)	641-643
	B.	Is-Servizzi ta’ aġenziji tal-ivvjaġġar u ta’ operaturi tat-tours	7471
	C.	Servizzi ta' gwidi turistiċi	7472

Appendiċi 20-B-6

SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI U KONĊESSJONIJIET TA' XOGĦLIJIET

1. SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI

Soġġett għan-Noti ta' dan l-Appendiċi u n-Noti Ġenerali fl-Appendiċi 20-B-7, il-Kapitolu 20 ikopri l-akkwist pubbliku kollu ta' servizzi ta' kostruzzjoni elenkati fid-Diviżjoni 51 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali Proviżorja tal-Prodotti mwettqa mill-entitajiet Arġentini elenkati fl-Appendiċi 20-B-1.

2. KONĊESSJONIJIET GĦAX-XOGĦLIJIET

Meta jingħataw minn entitajiet elenkati fl-Appendiċi 20-B-1 u soġġetti għal-limiti applikabbli għall-kuntratti ta' servizzi ta' kostruzzjoni kif speċifikat fl-Appendiċi 20-B-1, l-uniċi artikoli tal-Kapitolu 20 li japplikaw għal kuntratti ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet huma l-Artikolu 20.6 u l-Artikolu 20.11.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, kuntratti ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet tfisser kwalunkwe ftehim kuntrattwali li l-objettiv ewlieni tiegħu huwa li jwettaq il-kostruzzjoni jew ir-riabilitazzjoni ta' infrastruttura fiżika, impjanti, bini, faċilitajiet, jew xogħlijiet oħra tal-gvern u li taħtu entità tal-akkwist tagħti lil fornitur, permezz ta' kuntratt u għal perjodu ta' żmien speċifikat, is-sjieda temporanja jew id-dritt li tikkontrolla, topera u titlob ħlas għall-użu ta' dawk ix-xogħlijiet għat-tul tal-kuntratt.

Noti għall-Appendiċi 20-B-6:

Għal kuntratti ta' akkwist ta' oġġetti b'rabta ma' kuntratt ta' servizzi ta' kostruzzjoni, inklużi kuntratti ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet, l-Arġentina tirriżerva d-dritt li tapplika preferenzi tal-prezzijiet skont il-liġi tagħha għall-oġġetti li ġejjin, espressi fis-Sistema Armonizzata (SA), għall-perjodi tranżizzjonali li ġejjin:

– SA 8410[1] u SA 8504[2]: mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sal-aħħar tad-disa' sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ; mill-għaxar sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ma għandha tiġi applikata l-ebda preferenza tal-prezz; kif ukoll

– SA 8414[3] u SA 8428[4]: mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sal-aħħar tar-raba' sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ; mill-ħames sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ma għandha tiġi applikata l-ebda preferenza tal-prezz.

---

1 Turbini idrawliċi, roti tal-ilma, u r-regolaturi għalihom:

2 Transformers tal-elettriku, converters statiċi (pereżempju, rectifiers) u inductors:

3 Pompi bl-arja jew bil-vakwu, kompressuri u fannijiet ta' arja jew gass ieħor; għata għal ventilazzjoni jew għal riċiklaġġ li fihom fann, mgħammar bil-filtri jew le.

4 Makkinarju ieħor għal irfigħ, immaniġġar, tagħbija u ħatt (pereżempju, liftijiet, skalaturi, trasportaturi, teleferiki):

Appendiċi 20-B-7

NOTI ĠENERALI

In-noti ġenerali li ġejjin japplikaw għall-Kapitolu 20:

1. Il-Kapitolu 20 ma għandu japplika għall-ebda forma ta' preferenza jew vantaġġ immirat lejn l-SMEs[1]. Il-preferenza jew il-vantaġġ jistgħu jinkludu kwalunkwe preferenza tal-prezz, id-dritt li tittejjeb l-offerta oriġinali, jew id-dritt esklużiv li jiġi pprovdut oġġett jew servizz. L-aċċess għall-preferenzi jew il-vantaġġi msemmija hawn fuq se jkun disponibbli bl-istess mod għall-intrapriżi tal-Unjoni Ewropea rreġistrati bħala intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fl-Arġentina. Għal aktar ċertezza, l-intrapriżi tal-Unjoni Ewropea jistgħu jirreġistraw bħala intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fl-Arġentina f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi applikabbli rilevanti.

2. Il-Kapitolu 20 ma japplikax għall-akkwist pubbliku prekummerċjali mmirat lejn il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-ħtiġijiet tas-settur pubbliku. L-akkwist pubbliku prekummerċjali jinkludi l-idea tal-prodott, id-disinn tas-soluzzjoni, il-ħolqien ta' prototipi, l-iżvilupp oriġinali u l-validazzjoni jew l-ittestjar ta' sett limitat tal-ewwel prodotti.

   Kull tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-Arġentina għandha tinforma lill-Unjoni Ewropea dwar l-akkwist pubbliku prekummerċjali mwettaq matul dak il-perjodu.

[1] Għal aktar ċertezza, l-SMEs jinkludu intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u intraprendituri. L-Arġentina tista' tiddefinixxi l-karatteristiċi tal-kumpaniji li se jitqiesu bħala SMEs filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tad-daqsijiet, is-setturi u r-reġjuni differenti tal-pajjiż u abbażi ta' wieħed, xi wħud mill-attributi li ġejjin jew l-ekwivalenti tagħhom kollha jew uħud minnhom: persunal impjegat jew okkupat, il-valur tal-bejgħ annwali u l-valur tal-assi applikati għall-proċess tal-produzzjoni, fost l-oħrajn, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha. Dawn il-karatteristiċi għandhom ikunu definiti fil-liġijiet u r-regolamenti ġenerali tal-Arġentina u mhux f'xi liġi jew regolament li japplika esklussivament għall-akkwist pubbliku.

3. Il-Kapitolu 20 ma japplikax għal konċessjonijiet ta' servizzi.

4. Il-Kapitolu 20 ma japplikax għall-akkwist pubbliku ta' prodotti u servizzi minn stabbilimenti produttivi ta' bdiewa tal-familja jew kooperattivi tal-bdiewa tal-familja rreġistrati f'Reġistru Nazzjonali tal-Bdiewa tal-Familja mwettaq mill-gvern nazzjonali għall-forniment ta' ikel fi sptarijiet, skejjel, canteens tal-komunità, istituzzjonijiet taħt is-sistema penitenzjarja nazzjonali, forzi armati u istituzzjonijiet pubbliċi oħra taħt il-gvern nazzjonali.

5. Minkejja l-Artikolu 20.14(5), l-Arġentina tista' teskludi fornitur jekk:

(a) ikun hemm akkuża kkonfermata kontra l-fornitur għal reati kontra l-proprjetà, jew kontra l-amministrazzjoni pubblika, jew kontra l-fiduċja pubblika u l-bona fide, jew il-ħasil tal-assi jew reati finanzjarji oħra, jew għal reati stabbiliti fil-Konvenzjoni Inter-Amerikana kontra l-Korruzzjoni, adottata fit-tielet sessjoni plenarja, li saret fid-29 ta' Marzu 1996; jew

(b) il-fornitur huwa:

(i) aġent jew uffiċjal tas-settur pubbliku Arġentin; jew

(ii) intrapriża li fiha tali aġent jew uffiċjal ikollu parteċipazzjoni suffiċjenti sabiex jikkontrolla l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-intrapriża.

Għal aktar ċertezza, fl-akkwisti skont ir-reġim ta' sħubija pubblika-privata, ir-referenza għall-falliment fis-subparagrafu (a) tal-Artikolu 20.14 (5) tinkludi proċediment ta' insolvenza li jkun għaddej.

6. L-Arġentina tirriżerva d-dritt li tagħti kuntratti b'mezzi oħra għajr proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa jew selettivi fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-akkwist li jsir għat-tiswija ta' makkinarju, vetturi, tagħmir jew magni li d-diżarm, it-trasferiment jew l-eżami minn qabel tagħhom huwa essenzjali biex tiġi ddeterminata t-tiswija meħtieġa u l-adozzjoni ta' proċedura kuntrattwali oħra se jkun aktar għali; din l-eċċezzjoni ma tistax tintuża għal tiswijiet komuni ta' manutenzjoni ta' oġġetti bħal dawn;

(b) akkwist pubbliku mwettaq bejn ġuriżdizzjonijiet u entitajiet tal-gvern nazzjonali, jew bejn tali ġuriżdizzjonijiet u entitajiet u entitajiet provinċjali jew muniċipali jew entitajiet tal-Gvern tal-Belt Awtonoma ta' Buenos Aires, kif ukoll ma' intrapriżi li fihom l-Arġentina għandha parteċipazzjoni maġġoritarja, dment li l-għan tal-akkwist ikun il-forniment ta' servizzi ta' sigurtà, loġistika jew tas-saħħa;

(c) akkwist pubbliku mwettaq bejn ġurisdizzjonijiet u entitajiet tal-gvern nazzjonali u universitajiet nazzjonali; kif ukoll

(d) għal xogħlijiet komplementari li huma essenzjali għall-eżekuzzjoni ta' xogħol pubbliku li jkun għaddej (servizzi ta' kostruzzjoni), li ma setgħux jiġu previsti fil-proġett oriġinali u ma setgħux jiġu inklużi fil-kuntratt rispettiv; il-valur tal-kuntratti mogħtija għal tali xogħlijiet komplementari ma għandux jaqbeż il-limiti stabbiliti mil-liġi tal-Arġentina, li fl-ebda każ ma għandhom jaqbżu l-50 % (ħamsin fil-mija) tal-valur tal-kuntratt ewlieni.

7. Il-Kapitolu 20 ma japplikax għall-akkwist pubbliku mwettaq barra mit-territorju tal-Arġentina għall-konsum barra minn dak it-territorju.

8. Minkejja l-Artikolu 20.11 (Kumpens), meta l-entitajiet elenkati fl-Appendiċi 20-B-1 iwettqu akkwist pubbliku kopert mill-Kapitolu 20, l-Arġentina tista' tfittex jew timponi, f'konformità mal-liġi tagħha, kwalunkwe tip ta' tpaċija sa 50 % (ħamsin fil-mija) tal-valur tal-akkwist, inkluż li l-fornitur mogħti l-kuntratt jixtri oġġetti u servizzi lokali relatati mal-oġġett tal-akkwist.

Mill-ħdax-il sena (11) sa tmiem il-ħmistax-il sena (15) wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-Arġentina tista' tfittex jew timponi kumpensi biss sa 35 % (ħamsa u tletin fil-mija) tal-valur tal-akkwist.

Il-limitazzjonijiet stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu ma japplikawx għall-akkwisti mwettqa mill-Ministerio de seguridad jew mill-Ministerio de defensa.

Mis-sittax-il sena (16) wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-kumpensi ma għandhomx jaqbżu l-għoxrin fil-mija (20%) tal-valur tal-akkwist.

Il-kumpensi għandhom jiġu indikati fl-avviż tal-akkwist ippjanat, għandhom jiġu speċifikati fid-dokumentazzjoni tal-offerta u għandhom jiġu applikati bl-istess mod fost il-forniturи parteċipanti kollha.

Kull tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-Arġentina għandha tinforma lill-Unjoni Ewropea dwar l-użu ta' kumpensi mwettqa matul dak il-perjodu.

9. Minkejja l-Artikolu 20.13(1), għall-entitajiet tal-akkwist koperti taħt l-Appendiċi 20-B-1, l-Arġentina tista' tapplika perjodu tranżitorju sa tmintax-il xahar (18) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dawk l-entitajiet għandhom, matul tali perjodu tranżitorju, jipprovdu l-avviżi tagħhom tal-akkwist ippjanat permezz ta' links f'sit elettroniku tal-gateway li jkun aċċessibbli mingħajr ħlas.

ANNESS 20-C

IL-KOPERTURA TAL-BRAŻIL DWAR L-AKKWIST PUBBLIKU MILL-GVERN

Appendiċi 20-C-1

ENTITAJIET TAL-GVERN ĊENTRALI

Il-Lista tal-Brażil

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-Kapitolu 20 japplika għall-entitajiet elenkati hawn taħt, inklużi l-aġenziji relatati rispettivi tagħhom[1], fejn il-valur tal-akkwist ikun daqs jew jaqbeż:

Għall-Oġġetti u s-Servizzi

– Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sal-aħħar tas-seba' sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu: SDR 216.000.

– Mit-tmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim 'il quddiem: SDR 130.000

Għas-Servizzi tal-Kostruzzjoni

– Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sal-aħħar tas-seba' sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu: SDR 8 000 000.

– Mit-tmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim 'il quddiem: SDR 5,000,000.

[1] Għal aktar ċertezza, "aġenziji relatati" tinkludi l-korpi u l-aġenziji subordinati kollha tal-liġi pubblika b'personalità ġuridika separata fi ħdan l-istruttura tal-entitajiet elenkati f'dan l-Anness.

1. Fergħa Eżekuttiva:

– Advocacia-Geral da União

– Casa Civil da Presidência da República

– Controladoria-Geral da União

– Gabinete de Segurança Institucional da Presidência da República

– Presidência da República

– Secretaria de Comunicação Social da Presidência da República

– Secretaria de Relações Institucionais da Presidência da República

– Secretaria-Geral da Presidência da República

– Vice-Presidência da República

– Ministério da Agricultura e Pecuária

– Ministério da Ciência, Tecnologia e Inovação

– Ministério da Saúde

– Ministério da Defesa

– Ministério da Ciência, Tecnologia e do Ensino Superior

– Ministério da Fazenda

– Ministério da Gestão e da Inovação em Serviços Públicos

– Ministério da Igualdade Racial

– Ministério da Integração e do Desenvolvimento Regional

– Ministério da Justiça e Segurança Pública

– Ministério da Pesca e Aquicultura

– Ministério da Previdência Social

– Ministério do Trabalho e da Solidariedade Social

– Ministério das Cidades

– Ministério das Comunicações

– Ministério das Mulheres

– Ministério das Relações Exteriores

– Ministério de Minas e Energia

– Ministério de Portos e Aeroportos

– Ministério do Desenvolvimento Agrário e Agricultura Familiar

– Ministério do Desenvolvimento e Assistência Social, Família e Combate à Fome

– Ministério do Desenvolvimento, Indústria, Comércio e Serviços

– Ministério do Empreendedorismo, da Microempresa e da Empresa de Pequeno Porte

– Ministério do Esporte

– Ministério do Meio Ambiente e Mudança do Clima

– Ministério do Planejameno e Orçamento

– Ministério do Trabalho e Emprego

– Ministério do Turismo

– Ministério dos Direitos Humanos e da Cidadania

– Ministério dos Povos Indígenas

– Ministério dos Transportes

2. Judicial Branch:

– Conselho Nacional de Justiça

– Defensoria Pública da União

– Justiça do Distrito Federal e dos Territórios

– Justiça do Trabalho (Tribunais Regionais do Trabalho)

– Justiça Eleitoral (Tribunais Regionais Eleitorais)

– Justiça Federal (Tribunais Regionais Federais)

– Ministério Público da União

– Superior Tribunal de Justiça – STJ

– Superior Tribunal de Justiça Militar – STM

– Supremo Tribunal Federal – STF

– Tribunal Superior do Trabalho

– Tribunal Superior Eleitoral – TSE

3. Legislative Branch:

– Câmara dos Deputados

– Senado Federal

– Tribunal de Contas da União

Noti għall-Appendiċi 20-C-1

(a) L-entitajiet li ġejjin mhumiex inklużi f'dan l-Appendiċi: INCRA (Instituto Nacional de Colonização e Reforma Agrária); AEB (Agência Espacial Brasileira); CNEN (Comissão Nacional de Energia Nuclear); u INPI (Instituto Nacional da Propriedade Industrial).

(b) Meta akkwistati minn Ministério da Gestão e da Inovação em Serviços Públicos, Ministério das Relações Exteriores and Ministério da Justiça e Segurança Pública, il-Kapitolu 20 ma japplikax għal servizzi relatati mat-teknoloġija tal-informazzjoni bħall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' software użat fil-kriptaġġ tal-komunikazzjonijiet, il-ħżin u l-manutenzjoni ta' bażijiet ta' data li fihom informazzjoni personali ta' ċittadini Brażiljani, li jirriżultaw minn talbiet għal dokumenti u passaport; l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' programmi tal-kompjuter responsabbli għall-proċess ta' tħejjija ta' dokumenti maħruġa mis-servizz diplomatiku liċ-ċittadini Brażiljani; il-produzzjoni tal-kotba tal-passaporti (CPC 32610); u servizzi relatati mal-attivitajiet tad-demarkazzjoni tal-konfini.

(c) Meta akkwistati minn Ministério da Defesa, Ministério da Justiça, u Ministério da Educação, il-Kapitolu 20 ma japplikax għall-kodiċijiet li ġejjin tan-Nomenclatura Comum do Mercosul (NCM): 61051000 ("qomos tal-qoton innittjati għall-irġiel"), 61061000 ("qomos, blawsijiet, chemisiers blouses, innittjati, għan-nisa, magħmulin mill-qoton"), 61091000 ("qomos, inklużi interjuri nnittjati, magħmulin mill-qoton"), 61099000 ("qomos, inklużi qomos innittjati, magħmulin minn materjal tessili ieħor"), 61102000 ("sweaters, pulowvers, kardigans, flokkijiet ta' taħt u oġġetti simili, innittjati, magħmulin mill-qoton"), 62034200 ("ilbiesi sħaħ, settijiet, ġkieket, qliezet, overalls, kargo-shorts u xorzijiet (ħlief xorzijiet tal-għawm), għall-irġiel, magħmulin mill-qoton"), 62052000 ("qomos tal-qoton għall-irġiel").

(d) Meta akkwistati minn Ministério da Educação, Ministério da Justiça, Ministério da Saúde u l-aġenziji relatati rispettivi tagħhom, il-Brażil jirriżerva d-dritt li juża sejħa għall-offerti limitata għall-akkwist ta' oġġetti fornuti minn korp jew entità li tintegra l-Amministrazzjoni Pubblika, kif definit mid-Digriet Amministrattiv 200 tal-25 ta' Frar 1967, u li nħoloq għal dan l-għan speċifiku, qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida tal-offerti 14.133/21, bil-kundizzjoni li l-prezz ikkuntrattat ikun kompatibbli mal-prezz tas-suq.

Appendiċi 20-C-2

ENTITAJIET TAL-GVERN SUBĊENTRALI

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-Kapitolu 20 ikopri l-akkwist minn entitajiet elenkati f'dan l-Appendiċi, soġġett għal-limiti li ġejjin:

Limiti:

Oġġetti	SDR 216.000
Servizzi	SDR 216.000
Servizzi tal-kostruzzjoni	SDR 8 000 000

Lista tal-Entitajiet:

1. AKRE

   L-entitajiet kollha tal-Fergħa Eżekuttiva, inklużi l-aġenziji relatati rispettivi tagħhom. Għal aktar ċertezza, "aġenziji relatati" tinkludi l-korpi u l-aġenziji subordinati kollha tal-liġi pubblika b'personalità ġuridika separata fi ħdan l-istruttura tal-entitajiet inklużi f'dan l-Appendiċi.

2. AMAPÁ

   L-entitajiet kollha tal-Fergħa Eżekuttiva, inklużi l-aġenziji relatati rispettivi tagħhom. Għal aktar ċertezza, "aġenziji relatati" tinkludi l-korpi u l-aġenziji subordinati kollha tal-liġi pubblika b'personalità ġuridika separata fi ħdan l-istruttura tal-entitajiet inklużi f'dan l-Appendiċi.

3. AMAZONAS

A. L-entitajiet kollha tal-Fergħa Eżekuttiva, inklużi l-aġenziji subordinati rispettivi tagħhom. Għal aktar ċertezza, "aġenziji subordinati" tinkludi l-korpi u l-aġenziji subordinati kollha tal-liġi pubblika b'personalità ġuridika separata fi ħdan l-istruttura tal-entitajiet inklużi f'dan l-Appendiċi.

B. Għall-entitajiet elenkati fl-Amazonas f'dan l-Appendiċi, dan il-Ftehim ma jkoprix l-akkwist ta':

(a) oġġetti jew servizzi artistiċi jew kulturali;

(b) oġġetti u servizzi relatati mal-ekonomija ambjentali tal-foresta pluvjali tal-Amażonja.

4. CEARÁ

L-entitajiet kollha tal-Fergħa Eżekuttiva, inklużi l-aġenziji relatati rispettivi tagħhom. Għal aktar ċertezza, "aġenziji relatati" tinkludi l-korpi u l-aġenziji subordinati kollha tal-liġi pubblika b'personalità ġuridika separata fi ħdan l-istruttura tal-entitajiet inklużi f'dan l-Appendiċi.

5. DISTRITO FEDERAL

A) Fergħa Eżekuttiva:

1. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta' Arniqueira (Administração Regional da Arniqueira);

2. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta' Candangolândia (Administração Regional da Candangolândia);

3. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Águas Claras (Administração Regional de Águas Claras);

4. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Brazlândia (Administração Regional de Brazlândia);

5. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Ceilândia (Administração Regional de Ceilândia);

6. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Planaltina (Administração Regional de Planaltina);

7. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Samambaia (Administração Regional de Samambaia);

8. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Santa Maria (Administração Regional de Santa Maria);

9. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ São Sebastião (Administração Regional de São Sebastião);

10. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Sobradinho (Administração Regional de Sobradinho);

11. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Sobradinho 2 (Administração Regional de Sobradinho 2);

12. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Taguatinga (Administração Regional de Taguatinga);

13. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Vicente Pires (Administração Regional de Vicente Pires);

14. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Cruzeiro (Administração Regional do Cruzeiro);

15. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Fercal (Administração Regional do Fercal);

16. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Gama (Administração Regional do Gama);

17. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Guará (Administração Regional do Guará);

18. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Itapoã (Administração Regional do Itapoto);

19. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Jardim Botânico (Administração Regional do Jardim Botânico);

20. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Lago Norte (Administração Regional do Lago Norte);

21. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Lago Sul (Administração Regional do Lago Sul);

22. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ N. Bandeirante (Administração Regional do N. Bandeirante);

23. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Paranoá (Administração Regional do Paranoá);

24. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Park Way (Administração Regional do Park Way);

25. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Plano Piloto (Administração Regional do Plano Piloto);

26. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Recanto das Emas (Administração Regional do Recanto das Emas);

27. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Riacho Fundo 1 (Administração Regional do Riacho Fundo 1);

28. L-Amministrazzjoni Reġjonali ta’ Riacho Fundo 2 (Administração Regional do Riacho Fundo 2);

7309,00	Ġibjuni, tankijiet, btieti u kontenituri simili għal kull materjal (ħlief gass kompressat jew imdewweb), tal-ħadid jew tal-azzar, li jesgħu aktar minn 300 litru, inforrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termali
7310	Tankijiet, btieti, ċilindri, bottijiet, kaxxi u kontenituri simili, għal kull materjal (ħlief gass kompressat jew imdewweb), tal-ħadid jew tal-azzar, li jesgħu mhux aktar minn 300 l, inforrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termali
7311.00.00	Kontenituri għal gass kompressat jew imdewweb, tal-ħadid jew tal-azzar
7313.00.00	Fildiferru mxewwek tal-ħadid jew tal-azzar; ċirku mibrum jew wajer singolu ċatt, imxewwek jew le, u wajer doppju mfettel ħafif, ta' tip użat għar-reċinti, tal-ħadid jew tal-azzar
73,14	Drapp (inklużi ċineg bla tarf), grill, xibka u irfid ta' wajer tal-ħadid jew tal-azzar; folji ta' xika (expanded metal) tal-ħadid jew l-azzar
73.17.00	Imsiemer, taċċi, pins (drawing pins), imsiemer immewwġin, stejpils (ħlief dawk tal-intestatura 83.05) u oġġetti simili, tal-ħadid jew tal-azzar, bl-irjus ta' materjal ieħor jew le, iżda eskluži tali oġġetti b'irjus tar-ram
8303.00.00	Kaxxaforti, kaxex u bibien rinfurzati u kaxxaforti għal depożiti fiż-żgur għal kmamar rinfurzati, kaxxi għal flus kontanti jew għal dokumenti u bħalhom, u partijiet tagħhom, ta' metall ta' valur baxx
83,11	Wajer, vireg, tubi, pjanċi, elettrodi u prodotti simili, b'bażi tal-metall jew tal-metall tal-karbur, miżbugħa jew mimlijin b'materjal tal-fluss, tat-tip użat għall-issaldjar, l-ibbrejżjar, l-iwweldjaru jew id-depożizzjoni tal-metall jew tal-metal tal-karbur; Wajer u vireg, ta' trab agglomerat ta' metall ta' valur baxx, użat għal sprejjar ta' metall
8701.95.90	tratturi (ħlief tratturi tal-intestatura 87.09. Oħrajn, b'qawwa ta' magna. Ta' aktar minn 130 kW
8703,22	Vetturi oħrajn, b'magna li titqabbad bi xrara b'pistuni b'kombustjoni interna bil-moviment alternat. Ta' kapaċità ċilindrika ta' iktar minn 1,000 cc iżda ta' mhux iktar minn 1,500 cc:

Nomenklatura tas-SA 2017	Deskrizzjoni
8703,23	Vetturi oħrajn, b'magna li titqabbad bi xrara b'pistuni b'kombustjoni interna bil-moviment alternat. Ta' kapaċità ċilindrika ta' iktar minn 1,500 cc iżda ta' mhux iktar minn 3,000 cc
8704.21.90	Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' oġġetti. Oħrajn, b'magna tal-kombustjoni interna bil-pistuni mqabbda bil-kompressjoni (diżil jew semi-diżil). "Piż gross tal-vettura" ta' mhux aktar minn 5 tunnellati metriċi
8704.22.90	Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' oġġetti. Oħrajn, b'magna tal-kombustjoni interna bil-pistuni mqabbda bil-kompressjoni (diżil jew semi-diżil). "Piż gross tal-vettura" ta' aktar minn 5 tunnellati metriċi iżda mhux aktar minn 20 tunnellati metriċi
8704.31.90	Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' oġġetti. Oħrajn, b'magna tal-kombustjoni interna bil-pistuni mqabbda bi spark. "Piż gross tal-vettura" ta' mhux aktar minn 5 tunnellati metriċi
8711.20.20	Muturi b'kapaċità ċilindrika akbar minn 125 cm^3
8711.20.10	Muturi b'kapaċità ċilindrika ta' mhux aktar minn 125 cm^3

Appendiċi 20-D-5

SERVIZZI

Il-Kapitolu 20 ikopri l-akkwist pubbliku ta' servizzi elenkati hawn taħt, imwettaq mill-entitajiet elenkati fl-Appendiċi 20-D-1 u 20-D-2, li huma identifikati f'konformità mad-dokument MTN.GNS/W/120, 10 ta' Lulju 1991, mid-WTO, u d-Dokumenti Statistiċi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Klassifikazzjoni Proviżorja Ċentrali tal-Prodotti, serje M, numru 77.

SETTURI U SOTTOSETTURI		CPC korrispondenti
1.	SERVIZZI KUMMERĊJALI	
B.	Servizzi tal-kompjuters u servizzi relatati	Taqsima B
	a. Is-Servizzi ta' konsulenza relatati mal-installazzjoni ta' ħardwer tal-kompjuter	84100
	b. Servizzi ta' analiżi tas-sistema.	84220
	c. Servizzi tal-ipproċessar tad-data	843
	d. Servizzi ta' database.	844
C.	Servizzi ta' riċerka u żvilupp	
	b. Servizzi ta' riċerka u żvilupp dwar xjenzi soċjali u l-umanistika	852
F.	Servizzi kummerċjali oħra	
	b. Servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika	86402
	c. Servizzi ta' konsulenti ta' ġestjoni	865
	d. Servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali	866
	h. Servizzi Relatati mal-Minjieri	883.+5115
	n. Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir (eskluż bastimenti, bċejjeċ tal-ajru u tagħmir tat-trasport ieħor)	663+8861-8866
	s. Servizzi mogħtija fl-okkażjoni ta' assemblaġġi jew konvenzjonijiet	87909*
2.	SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI	
C.	Servizzi ta' telekomunikazzjonijiet	
4.	SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI	
B.	Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa	622
C.	Servizzi tal-bejgħ bl-imnut	631+632 6111 +6113+6121
D.	Servizzi ta' franchising	8929
7.	SERVIZZI FINANZJARJI	
C.	Is-Servizzi ta' riassigurazzjoni u retroċessjoni	81299*
9.	SERVIZZI TAT-TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVVJAĠĠAR	

	SETTURI U SOTTOSETTURI	CPC korrispondenti
A.	Lukandi u ristoranti (inklużi servizzi ta' provvista tal-ikel minn barra b'kuntratt)	641-643
C.	Servizzi ta' gwida turistika	7472

Appendiċi 20-D-6

SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI

Dan l-Appendiċi ma jkoprix is-servizzi tal-kostruzzjoni.

Appendiċi 20-D-7

NOTI ĠENERALI

In-noti ġenerali li ġejjin japplikaw għall-Kapitolu 20.

1. Fl-offerti pubbliċi nazzjonali msejħa mill-entitajiet koperti mill-Appendiċijiet 20-D-1- u 20-D-2, il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li japplika programmi ta' appoġġ għall-produzzjoni u l-impjiegi abbażi ta' kuntratti konklużi mill-Istat Paragwajan. Fir-rigward tal-programmi ta' appoġġ għall-produzzjoni u l-impjiegi nazzjonali, il-Paragwaj jista':

   (a) għal 18 (tmintax-il) sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, japplika marġni ta' preferenzi tal-prezzijiet ta' 20 % (għoxrin fil-mija), għal prodotti u servizzi ta' oriġini nazzjonali:

      (i) fi prodotti, meta l-manodopera, il-materja prima u l-inputs mill-Paragwaj jirrappreżentaw perċentwal ugwali għal jew akbar minn 40 % (erbgħin fil-mija); kif ukoll

      (ii) f'xogħlijiet fit-toroq, kostruzzjonijiet, servizzi ta' manutenzjoni, trasport, assigurazzjoni, konsulenza u oħrajn b'mod ġenerali meta aktar minn 70 % (sebgħin fil-mija) tal-persunal tal-fornitur ikun ta' nazzjonalità Paragwajana;

   (b) għal 10 (għaxar) snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jużaw programmi ta' appoġġ biex jistimulaw l-innovazzjoni u r-riċerka xjentifika u teknoloġika, inklużi kumpensi dment li l-kundizzjonijiet tagħhom u l-valutazzjoni tagħhom ma jkunux diskriminatorji u jkunu indikati fl-avviż tal-akkwist ippjanat u definiti b'mod ċar fid-dokumenti tal-akkwist;

2. Il-Kapitolu 20 ma għandux japplika meta s-suġġett tal-offerti jirreferi għal politiki nazzjonali mmirati lejn: l-edukazzjoni, is-servizzi għas-saħħa pubblika inklużi fil-programmi approvati mill-Ministeru tas-Saħħa, is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali u l-programmi tal-għalf fl-iskejjel, u l-programmi tal-biedja tal-familja, skont il-liġi tal-Paragwaj.

3. Il-Kapitolu 20 ma japplikax għal:

(a) xiri ta' istituzzjonijiet tal-Istat u ta' kwalunkwe istituzzjoni pubblika oħra mhux elenkati fl-Appendiċi 20-D-1 u 20-D-2 tal-Paragwaj;

(b) kuntratti għad-delega ta' servizzi, bħal awtorizzazzjonijiet, permessi u konċessjonijiet, inkluża l-konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi;

(c) ftehimiet mhux kuntrattwali jew kwalunkwe forma ta' assistenza pprovduta minn Parti jew minn intrapriża tal-Istat, inkluż l-ikkuntrattar taħt programmi ffinanzjati b'self minn organizzazzjonijiet finanzjarji internazzjonali, donazzjonijiet, żidiet fil-kapital, inċentivi tat-taxxa, sussidji, garanziji, ftehimiet, kooperazzjoni u forniment pubbliku ta' oġġetti u servizzi lil persuni jew gvernijiet fil-livell reġjonali, provinċjali jew lokali;

(d) kuntratti ffirmati għall-iskop uniku li tingħata assistenza barranija;

(e) l-akkwist pubbliku li jsir barra mit-territorju tal-Parti, għall-konsum barra mit-territorju tal-Parti;

(f) l-akkwist ta' servizzi ta' aġenziji jew servizzi ta' mħażen tat-taxxa, servizzi ta' likwidazzjoni u amministrazzjoni għal istituzzjonijiet finanzjarji regolati, jew is-servizzi ta' bejgħ u distribuzzjoni ta' dejn pubbliku; jew

(g) l-akkwist pubbliku mwettaq fost entitajiet pubbliċi, kemm jekk huwa inkluż fl-Appendiċi 20-D-1 kif ukoll jekk le, sakemm l-oġġett tal-kuntratt ma jiġix sottokuntrattat lil persuna terza li ma tkunx entità pubblika u dment li l-oġġett tal-kuntratt jirreferi għal oġġetti u servizzi loġistiċi, soċjali u edukattivi.

ANNESS 20-E

L-URUGWAJ

Appendiċi 20-E-1

ENTITAJIET TAL-GVERN ĊENTRALI

(a) Limiti għall-oġġetti u s-servizzi:

(i) Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sa tmiem l-10 (l-għaxar) sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu: SDR 211 951 (mitejn u ħdax-il elf disa' mija u wieħed u ħamsin);

(ii) Mill-11-il (ħdax-il) sena sa tmiem il-15-il (ħmistax-il) sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim: SDR 200 000 (mitejn elf); kif ukoll

(iii) Mis-sittax-il sena (16) wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim 'il quddiem: SDR 130 000 (mija u tletin elf).

(b) Limiti għas-servizzi ta' kostruzzjoni:

SDR 5 652 032 (ħames miljun sitt mija u tnejn u ħamsin elf u tnejn u tletin) għas-servizzi ta' kostruzzjoni jew ta' xogħlijiet pubbliċi speċifikati fl-Appendiċi 20-E-6.

Lista tal-Urugwaj

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-Kapitolu 20 japplika għall-entitajiet elenkati hawn taħt:

Fergħa Eżekuttiva:

(a) Presidencia de la República

(b) Ministerio de Defensa Nacional (il-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali):

(c) Ministerio del Interior

(d) Ministerio de Economía y Finanzas

(e) Ministerio de Relaciones Exteriores

(f) Ministerio de Ganadería, Agricultura y Pesca

(g) Ministerio de Industria, Energía y Minería

(h) Ministerio de Turismo

(i) Ministerio de Transporte y Obras Públicas

(j) Ministerio de Educación y Cultura

(k) Ministerio de Salud Pública

(l) Ministerio de Trabajo y Seguridad Social

(m) Ministerio de Vivienda y Ordenamiento Territorial

(n) Ministerio de Desarrollo Social

(o) Ministerio de Ambiente

Fergħa Leġiżlattiva:

(a) Cámara de Senadores;

(b) Cámara de Representantes;

(c) Asamblea General;

(d) Comisión Permanente;

(e) Comisión Administrativa.

Judicial Branch:

(a) Suprema Corte de Justicia;

(b) Tribunales de Apelaciones;

(c) Juzgados Letrados de Primera Instancia;

(d) Juzgados de Paz Departamentales de la Capital;

(e) Juzgados de Faltas;

(f) Juzgados de Paz Departamentales del Interior;

(g) Juzgados de Paz de las Ciudades, Villas o Pueblos del Interior;

(h) Juzgados de Paz Rurales.

Oħrajn:

(a) Corte Electoral (Qorti Elettorali)

(b) Tribunal de Cuentas (Qorti tal-Awdituri)

(c) It-Tribunal de lo Contencioso Administrativo (il-Qorti Amministrattiva)

Noti dwar il-lista ta' entitajiet stabbilita hawn fuq fl-Appendiċi 20-E-1:

1. L-akkwist ta' oġġetti u servizzi mill-Presidenza tal-Urugwaj ma jinkludix l-akkwist imwettaq mill-Unidad Operativa Central tal-Plan Nacional de Integración Socio-Habitacional Juntos, stabbilit mil-Ley no 18.829 de 24 de octubre de 2011;

2. Ix-xiri magħmul mill-Ministerio de Defensa Nacional u mill-Ministerio del Interior ma jinkludix l-oġġetti elenkati hawn taħt:

(a) materjal tal-gwerra nukleari;

(b) tagħmir għall-kontroll tan-nirien;

(c) munizzjon u splussivi;

(d) missili;

(e) inġenji tal-ajru u komponenti għall-inġenji tal-ajru;

(f) tagħmir għat-tlugħ, l-inżul u l-groundhandling tal-inġenji tal-ajru;

(g) dgħajjes u tagħmir marittimu; kif ukoll

(h) l-armamenti.

L-akkwist ta' oġġetti magħmula mill-Ministerio de Defensa Nacional u mill-Ministerio del Interior mhuwiex kopert mit-Taqsima 2 (Prodotti tal-Ikel, tax-Xorb u tat-Tabakk, tat-Tessuti u tal-Ħwejjeġ u tal-Ġilda) tal-Klassifikatur Ċentrali tal-Prodotti (CPC) Verżjoni 1.0.) tan-Nazzjonijiet Uniti.

Appendiċi 20-E-2

ENTITAJIET TAL-GVERN SUBĊENTRALI

1. L-Urugwaj għandu jibda proċeduri ta' konsultazzjoni interna mal-gvernijiet dipartimentali tiegħu bl-għan li jimpenja livell sodisfaċenti ta' kopertura fil-livell subċentrali. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitwettqu bl-għan li jiġu involuti l-entitajiet kollha taħt il-gvernijiet dipartimentali. Il-kopertura għandha titqies sodisfaċenti jekk tinkludi gvernijiet dipartimentali li jiġġeneraw mill-inqas 65 % (ħamsa u sittin fil-mija) tal-PDG nazzjonali tiegħu.

2. L-Urugwaj għandu jikkonkludi dawn il-konsultazzjonijiet mhux aktar tard minn 2 (sentejn) wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u għandu jinnotifika minnufih lill-Unjoni Ewropea bir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet.

3. Dment li tkun inkisbet il-kopertura sodisfaċenti stabbilita fil-paragrafu 1, il-Kunsill tal-Kummerċ għandu jadotta deċiżjoni biex jimmodifika dan l-Appendiċi kif xieraq.

Appendiċi 20-E-3

ENTITAJIET OĦRAJN

Entitajiet awtonomi:

1. Administración Nacional de Educación Pública (ANEP)

2. Banco Central del Uruguay (BCU)

3. Banco de la República Oriental del Uruguay (BROU)

4. Banco de Seguros del Estado (BSE)

5. Consejo Directivo Central (CODICEN)

6. Instituto Nacional de Colonización (INC)

7. Universidad de la República (UDELAR)

8. Universidad Tecnológica (UTEC)

Servizzi deċentralizzati:

1. Administración Nacional de Correos (ANC)

2. Instituto Uruguayo de Meteorología (INUMET)

Noti dwar il-lista ta’ entitajiet stabbilita hawn fuq (Appendiċi 20-E-3)

1. Ix-xiri tal-Administración Nacional de Educación Pública ma jinkludix dawk li jsiru għall-akkwist, l-eżekuzzjoni jew it-tiswija ta’ oġġetti, jew servizzi ta’ kiri, għall-manutenzjoni u t-titjib tal-infrastruttura tal-bini tat-tagħlim taħt id-dipendenza tagħha.

2. Ix-xiri li jsir mill-Universidad de la República ma jinkludix dak li jsir għall-akkwist, l-eżekuzzjoni, it-tiswija ta’ oġġetti jew servizzi ta’ kiri għal riċerka xjentifika.

<u>Appendiċi 20-E-4</u>

OĠĠETTI

Il-Kapitolu 20 japplika għall-akkwist pubbliku kollu ta' oġġetti akkwistati minn entitajiet inklużi fl-Anness 20-E, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Appendiċijiet 20-E-1 sa 20-E-7.

Appendiċi 20-E-5

SERVIZZI

Il-Kapitolu 20 japplika għall-akkwist pubbliku kollu ta' servizzi kkuntrattati minn entitajiet inklużi fil-lista tal-Anness 20-E tal-Urugwaj, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Appendiċijiet 20-E-1 sa 20-E-7.

Appendiċi 20-E-6

SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI

Il-Kapitolu 20 japplika għall-akkwist pubbliku kollu ta' servizzi kkuntrattati minn entitajiet inklużi fil-lista tal-Urugwaj fl-Anness 20-E, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Appendiċijiet 20-E-1 sa 20-E-7.

Appendiċi 20-E-7

NOTI ĠENERALI

In-noti ġenerali li ġejjin japplikaw għall-Kapitolu 20.

1. Il-Kapitolu 20 ma japplikax għal:

   (a) xiri ta' żejt mhux maħdum u d-derivattivi tiegħu, żjut bażiċi, addittivi lubrikanti u l-imposti rispettivi tagħhom għat-trasport tal-merkanzija;

   (b) ix-xiri tal-enerġija;

   (c) xiri ta' bhejjem skont l-għażla, fil-każ ta' eżemplari b'karatteristiċi speċjali;

   (d) l-ikkuntrattar ta' servizzi finanzjarji;

   (e) kuntratti għad-delega ta' servizzi, bħal awtorizzazzjonijiet, permessi u konċessjonijiet, inkluża l-konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi;

   (f) il-kuntratti magħmula fil-qafas tal-Programm ta' Akkwist Pubbliku għall-Iżvilupp u l-liġi dwar il-biedja tal-familja u s-sajd artiġjanali;

   (g) l-akkwist ta' servizzi ta' aġenziji jew servizzi ta' depożiti fiskali, servizzi ta' likwidazzjoni u amministrazzjoni għal istituzzjonijiet finanzjarji regolati, u lanqas is-servizzi ta' bejgħ u distribuzzjoni ta' dejn pubbliku;

(h) l-akkwist pubbliku minn entità lil entità jew kumpanija oħra tal-Istat tal-Urugwaj, kemm jekk elenkati fl-Appendiċi 20-E-1, 20-E-2 u 20-E-3 kif ukoll jekk le.

(i) ir-reklutaġġ ta' istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ iddedikati għall-assistenza soċjali, it-tagħlim, ir-riċerka u l-iżvilupp istituzzjonali; jew

(j) l-akkwist pubbliku li jsir barra mit-territorju tal-Urugwaj, għall-konsum barra mit-territorju tal-Parti.

2. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim, f'kuntratti ta' servizzi ta' kostruzzjoni jew xogħlijiet pubbliċi, l-Urugwaj jista' jagħti marġni ta' preferenza fil-prezz tal-offerti, li jista' jkun ikkundizzjonat għar-reklutaġġ ta' ċittadini, f'konformità mar-rekwiżiti ta' kwalifika stabbiliti fil-liġi tal-Urugwaj.

Din il-kundizzjoni għandha tiġi indikata fl-avviż tal-akkwist ippjanat u definita b'mod ċar fid-dokumentazzjoni tal-offerta;

Eċċezzjonijiet għall-proċedura tal-offerti pubbliċi

L-entitajiet jistgħu jagħtu kuntratti b'mezzi oħra għajr il-proċeduri miftuħa tal-offerti, fil-każijiet li ġejjin:

(a) fil-każ ta' servizzi ta' kostruzzjoni jew xogħlijiet pubbliċi, meta jkunu meħtieġa servizzi ta' kostruzzjoni addizzjonali għal dawk ikkuntrattati oriġinarjament, sabiex jirrispondu għal ċirkostanzi mhux previsti u li huma meħtieġa biex jissodisfaw l-objettivi tal-kuntratt li fuqu huma bbażati; il-valur totali tal-kuntratti mogħtija għal tali servizzi addizzjonali ta' kostruzzjoni jew ta' xogħlijiet pubbliċi ma jistax jaqbeż 50 % (ħamsin fil-mija) tal-ammont tal-kuntratt ewlieni; kif ukoll

(b) meta entità tkun teħtieġ servizzi ta' konsulenza relatati ma' kwistjonijiet ta' natura kunfidenzjali li d-divulgazzjoni tagħhom tista' tkun raġonevolment mistennija li tippreġudika l-informazzjoni kunfidenzjali tas-settur pubbliku, tikkawża tfixkil ekonomiku serju jew, inkella, tmur kontra l-interess pubbliku.

ANNESS 20-F

PUBBLIKAZZJONI TAL-UNJONI TA' INFORMAZZJONI U AVVIŻI

Appendiċi 20-F-1

IL-MEZZI GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AKKWIST

Dan l-Appendiċi jelenka l-mezz elettroniku jew stampat użat mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għall-pubblikazzjoni ta' liġijiet, regolamenti, deċiżjonijiet ġudizzjarji, deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali, klawżoli kuntrattwali standard u proċeduri msemmija fl-Artikolu 20.12, fir-rigward tal-akkwist pubbliku kopert mill-Kapitolu 20.

1. FIL-LIVELL TAL-UNJONI EWROPEA

Informazzjoni dwar is-sistema tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni Ewropea:

(a) http://simap.ted.europa.eu/index_en.html

(b) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

2. L-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-BELĠJU

(a) Liġijiet, regolamenti rjali, regolamenti ministerjali, ċirkulari ministerjali:

le Moniteur Belge.

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Bullettin tal-Qorti Suprema tal-Qorti Amministrattiva tal-Litwanja “Administracinių teismų praktika”.

IL-BULGARIJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Държавен вестник (Il-Gazzetta tal-Istat).

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

http://www.sac.government.bg.

(c) Deċiżjonijiet amministrattivi ta’ applikazzjoni ġenerali u ta’ kwalunkwe proċedura:

http://www.aop.bg; kif ukoll

http://www.cpc.bg.

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

(a) Liġijiet u Regolamenti:

Ġabra ta’ liġijiet tar-Repubblika Ċeka.

(b) Deċiżjonijiet tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni:

Ġabra ta’ deċiżjonijiet tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni:

ID-DANIMARKA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Lovtidende.

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Ugeskrift għal Retsvaesen.

(c) Deċiżjonijiet u proċeduri amministrattivi:

Ministerialtidende.

(d) Deċiżjonijiet mill-Bord Daniż tal-Ilmenti għall-Akkwist Pubbliku:

Kendelser fra Klagenævnet for Udbud.

IL-ĠERMANJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Bundesgesetzblatt; kif ukoll

Bundesanzeiger.

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Entscheidungsammlungen des: Bundesverfassungsgerichts; Bundesgerichtshofs;

Bundesverwaltungsgerichts Bundesfinanzhofs sowie der Oberlandesgerichte.

L-ESTONJA

(a) Liġijiet, regolamenti u deċiżjonijiet ammnistrattivi ta' applikazzjoni ġenerali:

Riigi Teataja - http://www.riigiteataja.ee.

(b) Proċeduri rigward l-akkwist pubbliku:

https://riigihanked.riik.ee.

L-IRLANDA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Iris Oifigiuil (Il-Gazzetta Uffiċjali tal-Gvern Irlandiż)

IL-GREĊJA

Epishmh efhmerida eurwpaikwn koinothtwn (Gazzetta tal-Gvern tal-Greċja).

SPANJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Boletín Oficial de Estado.

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

L-ebda pubblikazzjoni uffiċjali

FRANZA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Boletín Oficial del Estado.

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Recueil des arrêts du Conseil d'État; kif ukoll

Tribunal Amministrattiv Ċentrali tal-Appelli Kuntrattwali (Tribunal Administrativo Central de Recursos Contractuales) https://www.hacienda.gob.es/es-ES/Areas%20Tematicas/Contratacion/TACRC/Paginas/BuscadordeResoluciones.aspx

IL-KROAZJA

Narodne novine - http://www.nn.hr.

L-ITALJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Gazzetta Ufficiale.

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

L-ebda pubblikazzjoni uffiċjali

ĊIPRU

(a) Liġijiet u regolamenti:

Επίσημη Εφημερίδα της Δημοκρατίας (Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika)

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Αποφάσεις Ανωτάτου Δικαστηρίου 1999 – Τυπογραφείο της Δημοκρατίας (Deċiżjonijiet tal-Qorti Għolja Suprema — Stamperija)

IL-LATVJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Latvijas vēstnesis (Gazzetta Uffiċjali).

IL-LITWANJA

(a) Liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi:

Teisės aktų registras (Reġistru tal-Atti Ġuridiċi).

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Bullettin tal-Qorti Suprema tal-Litwanja “Teismų praktika”; kif ukoll

Bullettin tal-Qorti Suprema tal-Qorti Amministrattiva tal-Litwanja “Administracinių teismų praktika”.

IL-LUSSEMBURGU

(a) Liġijiet u regolamenti:

Teisės aktų registras (Reġistru tal-Atti Legali).

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Bullettin tal-Qorti Suprema tal-Qorti Amministrattiva tal-Litwanja “Administracinių teismų praktika”.

L-UNGERIJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Magyar Közlöny (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Ungerija).

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Közbeszerzési Értesítő - a Közbeszerzések Tanácsa Hivatalos Lapja (Bullettin dwar l-Akkwisti Pubbliċi - Ġurnal Uffiċjali tal-Kunsill tal-Akkwisti Pubbliċi).

MALTA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Gazzetta tal-Gvern.

IN-NETHERLANDS

(a) Liġijiet u regolamenti:

Nederlandse Staatscourant jew Staatsblad.

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

L-ebda pubblikazzjoni uffiċjali

L-AWSTRIJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Nederlandse Staatscourant u / jew Staatsblad. kif ukoll

Ġurisprudenza:

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Entscheidungen des Verfassungsgerichtshofes, Verwaltungsgerichtshofes, Obersten Gerichtshofes, der Oberlandesgerichte, des Bundesverwaltungsgerichtes und der Landesverwaltungsgerichte.

IL-POLONJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Dziennik Ustaw Rzeczypospolitej Polskiej (Ġurnal tal-Liġijiet – Ir-Repubblika tal-Polonja).

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

"Zamówienia publiczne w orzecznictwie. Wybrane orzeczenia zespołu arbitrów i SąduOkręgowego w Warszawie" (Għażla tas-sentenzi tal-bordijiet tal-arbitraġġ u tal-Qorti Reġjonali ta' Varsavja).

IL-PORTUGALL

(a) Liġijiet u regolamenti:

Diário da República Portuguesa 1a Série A e 2a série.

(b) Pubblikazzjonijiet Ġudizzjarji:

Boletim do Ministério da Justiça;

Colectânea de Acordos do Supremo Tribunal Administrativo; kif ukoll

Colectânea de Jurisprudencia Das Relações.

IR-RUMANIJA

(a) Liġijiet u Regolamenti:

Monitorul Oficial al României (Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija);

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji, deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali u kwalunkwe proċedura:

http://www.anrmap.ro.

IS-SLOVENJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

L-ebda pubblikazzjoni uffiċjali

IS-SLOVAKKJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Zbierka zakonov (Ġabra ta' Liġijiet).

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

L-ebda pubblikazzjoni uffiċjali

IL-FINLANDJA

Suomen Säädöskokoelma - Finlands Författningssamling (Ġabra tal-Istatuti tal-Finlandja).

L-IŻVEZJA

Svensk Författningssamling (Kodiċi Żvediż tal-Istatuti),

Appendiċi 20-F-2

IL-MEDJA GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TAL-AVVIŻI

Dan l-Appendiċi jelenka l-mezz elettroniku jew stampat użat mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għall-pubblikazzjoni ta' avviżi skont l-Artikolu 20.12, fir-rigward tal-akkwist pubbliku kopert mill-Kapitolu 20.

1. FIL-LIVELL TAL-UNJONI EWROPEA

Suppliment ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u l-verżjoni elettronika tiegħu:

(a) TED (offerti elettroniċi kuljum) http://ted.europa.eu

(b) (also accessible from the portal http://simap.ted.europa.eu/index_en.html)

2. L-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-BELĠJU

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

(b) Le Bulletin des Adjudications; kif ukoll

(c) Pubblikazzjonijiet oħra fl-istampa speċjalizzata

Il-BULGARIJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

(b) Държавен вестник (Gazzetta tal-Istat) - http://dv.parliament.bg; kif ukoll

(c) Ir-Reġistru tal-Akkwist Pubbliku - http://www.aop.bg.

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

ID-DANIMARKA

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

IL-ĠERMANJA

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L-ESTONJA

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L-IRLANDA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) eTenders (www.eTenders.gov.ie).

IL-GREĊJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Pubblikazzjonijiet fl-istampa ta’ kuljum, finanzjarja, reġjonali u speċjalizzatata

SPANJA

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

FRANZA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Bulletin officiel des annonces des marchés publics.

IL-KROAZJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Elektronički oglasnik javne nabave Republike Hrvatske (Reklamar elettroniku tal-akkwist pubbliku tar-Repubblika tal-Kroazja).

L-ITALJA

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ĊIPRU

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

(b) Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika; kif ukoll

(c) L-istampa ta’ kuljum lokali.

IL-LATVJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Latvijas vēstnesis (Gazzetta uffiċjali)

IL-LITWANJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

(b) Centrinė viešųjų pirkimų informacinė sistema (Portal ċentrali tal-akkwist pubbliku); kif ukoll

(c) Is-Suppliment Informattiv “Informaciniai pranešimai” mal-Gazzetta Uffiċjali (“Valstybės žinios”) tar-Repubblika tal-Litwanja

IL-LUSSEMBURGU

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) L-istampa ta’ kuljum.

L-UNGERIJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Közbeszerzési Értesítġ — a Közbeszerzések Tanácsa Hivatalos Lapja (Bullettin tal-Akkwist Pubbliku — Ġurnal Uffiċjali tal-Kunsill tal-Akkwist Pubbliku).

MALTA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Gazzetta tal-Gvern.

IN-NETHERLANDS

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-AWSTRIJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Ġurisprudenza:

IL-POLONJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Biuletyn Zamówień Publicznych (Bullettin dwar l-Akkwisti Pubbliċi).

IL-PORTUGALL

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

IR-RUMANIJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

(b) Monitorul Oficial al României (Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija); kif ukoll

(c) Sistema Elettronika għall-Kuntratti Pubbliċi - http://www.e-licitatie.ro.

IS-SLOVENJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Il-portal javnih naročil - http://www.enarocanje.si/?podrocje=portal.

IS-SLOVAKKJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Vestnik verejneho obstaravania (Ġurnal tal-Akkwisti Pubbliċi).

IL-FINLANDJA

(a) Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) Julkiset hankinnat Suomessa ja ETA-alueella, Virallisen lehden LIITE (Akkwist Pubbliku fil-Finlandja u fiż-żona taż-ŻEE, Suppliment għall-Gazzetta Uffiċjali tal-Finlandja).

L-IŻVEZJA

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

_____

ANNESS 20-G

PUBBLIKAZZJONI TA’ INFORMAZZJONI U AVVIŻI TAL-ARĠENTINA

Appendiċi 20-G-1

MEZZI GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AKKWIST

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (c) tal-Artikolu 20.12 hija ppubblikata fis-siti web li ġejjin:

- Boletín Oficial de la República Argentina
- Oficina Nacional de Contrataciones

Appendiċi 20-G-2

IL-MEDJA GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TAL-AVVIŻI[1]

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (d) tal-Artikolu 20.12 hija ppubblikata fis-siti web li ġejjin:

– Boletín Oficial de la República Argentina

– Participación Público-Privada

– Portal de Compras Públicas de la República Argentina (COMPR.AR)

– Portal Electrónico de Contratación de Obra Pública (CONTRAT.AR)

_____

[1] Minkejja l-Artikolu 20.13(1), għall-entitajiet tal-akkwist koperti taħt l-Appendiċi 20-B-1, l-Arġentina tista' tapplika perjodu tranżitorju sa tmintax-il xahar (18) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dawk l-entitajiet għandhom, matul tali perjodu tranżitorju, jipprovdu l-avviżi tagħhom tal-akkwist ippjanat permezz ta' links f'sit elettroniku tal-gateway li jkun aċċessibbli mingħajr ħlas.

ANNESS 20-H

PUBBLIKAZZJONI TA’ INFORMAZZJONI U AVVIŻI TAL-BRAŻIL

Appendiċi 20-H-1

MEZZI GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AKKWIST

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (c) tal-Artikolu 20.12 hija ppubblikata fis-siti web li ġejjin:
https://www.gov.br/pncp/pt-br

L-avviżi ta' akkwist ippjanat għandhom jiġu ppubbliċizzati fil-Portal Nazzjonali Brażiljan għall-Akkwist Pubbliku (Portal Nacional de Compras Públicas — PNCP), fit-termini tal-liġijiet Brażiljani, b'mod aktar speċifiku l-Kodiċi Ċivili Brażiljan (10.406, l-10 ta' Jannar 2002) u l-Liġi Brażiljana għall-Akkwist Pubbliku (14.133, 1 ta' April, 2021)

Appendiċi 20-H-2

IL-MEDJA GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TAL-AVVIŻI

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (d) tal-Artikolu 20.12 hija ppubblikata fis-siti web li ġejjin:

https://www.gov.br/compras/pt-br/

https://www.gov.br/pncp/pt-br

ANNESS 20-I

PUBBLIKAZZJONI TA’ INFORMAZZJONI U AVVIŻI TAL-PARAGWAJ

Appendiċi 20-I-1

MEZZI GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AKKWIST

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (c) tal-Artikolu 20.12 hija ppubblikata fis-siti web li ġejjin:

Is-sit web ta':

Dirección Nacional de Contrataciones Públicas

Appendiċi 20-I-2

IL-MEDJA GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TAL-AVVIŻI

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (d) tal-Artikolu 20.12 hija ppubblikata fis-siti web li ġejjin:

Is-sit web ta':

Dirección Nacional de Contrataciones Públicas

ANNESS 20-J

PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI U AVVIŻI TAL-URUGWAJ

Appendiċi 20-J-1

MEZZI GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AKKWIST

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (c) tal-Artikolu 20.12 hija ppubblikata fis-siti web li ġejjin:

– Is-sit web tal-Agencia de Compras y Contrataciones del Estado (ACCE)

Appendiċi 20-J-2

IL-MEDJA GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TAL-AVVIŻI

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (d) tal-Artikolu 20.12 hija ppubblikata fis-siti web li ġejjin:

– Is-sit web tal-Agencia de Compras y Contrataciones del Estado (ACCE)

ANNESS 20-K

AVVIŻ FIL-QOSOR

Kull avviż sommarju għandu jinkludi:

(a) is-suġġett tal-akkwist;

(b) id-data finali għall-preżentazzjoni tas-sejħiet tal-offerti jew, fejn japplika, kwalunkwe data finali għall-preżentazzjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist jew għall-inklużjoni f'xi lista b'użu multiplu; kif ukoll

(c) l-indirizz minn fejn jistgħu jintalbu d-dokumenti relatati mal-akkwist.

ANNESS 20-L

AVVIŻ LI JISTIEDEN LILL-FORNITURI INTERESSATI
BIEX JAPPLIKAW GĦALL-INKLUŻJONI F'LISTA B'UŻI MULTIPLI

Kull avviż li jistieden lill-fornituri interessati biex japplikaw għall-inklużjoni f'lista b'użi multipli għandu jinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi, jew ta' kategoriji tagħhom, li għalihom tista' tintuża l-lista;

(b) il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri għall-inklużjoni fil-lista u l-metodi li ser tuża l-entità tal-akkwist sabiex tivverifika li fornitur jissodisfa l-kundizzjonijiet;

(c) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra neċessarja biex tiġi kkuntattjata l-entità u jinkisbu d-dokumenti relevanti kollha relatati mal-lista;

(d) il-perjodu ta' validità tal-lista u l-mezzi għat-tiġdid jew it-terminazzjoni tagħha, jew fejn il-perjodu ta' validità ma jkunx ipprovdut, indikazzjoni tal-metodu li bih għandha tiġi nnotifikata t-terminazzjoni tal-użu tal-lista; kif ukoll

(e) indikazzjoni li l-lista tista' tintuża għall-akkwist kopert mill-Kapitolu 20.

_____

ANNESS 20-M

PERJODI TA' ŻMIEN

Skadenza għas-sottomissjoni ta’ talbiet għall-parteċipazzjoni fil-każ ta’ sejħa għall-offerti selettiva

1. Entità tal-akkwist li tuża sejħa għall-offerti selettiva għandha tistabbilixxi li d-data finali għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni ma għandhiex, fil-prinċipju, tkun inqas minn ħamsa u għoxrin jum (25) mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat. Fejn stat ta’ urġenza ssostanzjat kif xieraq mill-entità tal-akkwist irendi dan il-perjodu ta’ żmien imprattikabbli, il-perjodu ta’ żmien jista’ jitnaqqas għal mhux inqas minn 10 (għaxart) ijiem.

Skadenza għat-tressiq tal-offerti

2. Għajr kif previst fil-paragrafi 3, 4, 6 u 7, entità tal-akkwist għandha tistabbilixxi li d-data finali għall-preżentazzjoni tal-offerti ma għandhiex tkun inqas minn erbgħin jum (40) mid-data li fiha:

   (a) f'każ ta' proċedura għall-offerti miftuħa, l-avviż tal-akkwist ippjanat jiġi ppubblikat; jew

   (b) fil-każ ta’ proċedura selettiva ta’ offerti ta’ kuntratt, l-entità tinnotifika lill-fornituri li se jkunu mistidnin jippreżentaw offerti, kemm jekk tuża lista għal użu ripetut kif ukoll jekk le.

Każijiet li għalihom il-perjodu ta' żmien għas-sejħa għall-offerti (miftuħ u selettiv) jista' jitnaqqas

3. Entità tal-akkwist tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għas-sejħa għall-offerti stabbilit fil-paragrafu 2 għal mhux inqas minn 10 (għaxart) ijiem meta:

(a) l-entità tal-akkwist ippubblikat avviż ta' akkwist ippjanat skont l-Artikolu 20.13 (3) mill-inqas 40 (erbgħin) jum u mhux aktar minn 12-il (tnax) xahar qabel il-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat, u l-avviż tal-akkwist ippjanat fih:

(i) deskrizzjoni tal-akkwist;

(ii) id-dati finali approssimattivi għall-preżentazzjoni ta' offerti jew talbiet għall-parteċipazzjoni;

(iii) l-indirizz minn fejn id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-akkwist jistgħu jinkisbu; kif ukoll

(iv) l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Anness 20-O għall-avviż tal-akkwist ippjanat, kif disponibbli;

(b) l-entità tal-akkwist, għall-akkwisti ta' natura rikorrenti, tindika f'avviż inizjali tal-akkwist ippjanat li l-avviżi sussegwenti se jipprovdu perjodi ta' żmien għas-sejħa għall-offerti f'konformità ma' dan il-paragrafu; jew

(c) stat ta' urġenza sostanzjat kif xieraq mill-entità tal-akkwist irendi imprattikabbli l-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti stabbilit skont il-paragrafu 2.

4. Entità kontraenti tista' tnaqqas it-terminu ta' żmien għas-sejħa tal-offerti stabbilit fil-paragrafu 2 għal mhux inqas minn 5 (ħamest) ijiem għal kull waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

   (a) l-avviż ta' akkwist ippjanat jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi;

   (b) id-dokumentazzjoni kollha tal-offerta tkun disponibbli b'mezzi elettroniċi fid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat; kif ukoll

   (c) l-offerti jistgħu jaslu permezz ta' mezzi elettroniċi mill-entità akkwirenti.

5. L-użu tal-paragrafu 4, konġuntament mal-paragrafu 3, ma għandu fl-ebda każ jirriżulta fit-tnaqqis tat-termini ta' żmien għas-sejħa tal-offerti stabbilita fil-paragrafu 2 ta' mhux inqas minn għaxart ijiem mid-data li fiha l-avviż tal-akkwist intiż jiġi pubblikat.

6. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra f'dan l-Anness, meta entità tal-akkwist tixtri oġġetti jew servizzi kummerċjali, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, hija tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għas-sejħa għall-offerti stabbilit fil-paragrafu 2 għal:

   (a) mhux inqas minn 13-il (tlettax) jum, dment li tippubblika b'mezzi elettroniċi, fl-istess ħin, kemm l-avviż tal-akkwist ippjanat kif ukoll id-dokumentazzjoni tal-offerta; kif ukoll

   (b) mhux inqas minn 10 (għaxart) ijiem, jekk l-entità taċċetta wkoll offerti għal oġġetti kummerċjali jew servizzi b'mezzi elettroniċi.

7. Meta entità tal-akkwist elenkata fl-Appendiċijiet 20-A-2, 20-A-3, 20-B-2, 20-B-3, 20-C-2, 20-C-3, 20-D-2, 20-D-3, 20-E-2 u 20-E-3 tkun għażlet il-forniturikwalifikati kollha jew għadd limitat minnhom, il-perjodu ta' żmien għas-sejħa għall-offerti jista' jiġi stabbilit bi ftehim reċiproku bejn l-entità tal-akkwist u l-forniturimagħżula. Fin-nuqqas ta' ftehim, il-perjodu ma għandux ikun inqas minn 10 (għaxart) ijiem.

ANNESS 20-N

FORMULA TA' AĠĠUSTAMENT TAL-LIMITI

Għall-Unjoni Ewropea:

(a) Il-limitu għandu jiġi aġġustat f'intervalli ta' sentejn (2) b'kull aġġustament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar;

(b) Il-kalkolu tal-valuri tal-limiti għandu jkun ibbażat fuq il-medja tal-valuri ta' kuljum tad-drittijiet speċjali ta' prelevament (minn hawn' il quddiem imsejħa "SDRs") għar-rata tal-kambju tal-Euro matul l-24 (erbgħa u għoxrin) xahar li jintemmu fil-31 ta' Awwissu ta' qabel ir-reviżjoni b'effett mill-1 ta' Jannar. Il-valur tal-limiti hekk riveduti għandu, jekk ikun meħtieġ, jitqarreb għall-eqreb elf Euro. Is-sors tad-data għar-rata tal-kambju huwa l-Fond Monetarju Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-FMI"); kif ukoll

(c) Il-valur tal-limiti li jkunu għadhom kif ġew ikkalkulati għandu jsir disponibbli għall-pubbliku mill-Unjoni Ewropea qabel ma jidħlu fis-seħħ il-limiti rispettivi.

Għall-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR:

(a) Kull Stat Firmatarju tal-MERCOSUR għandu jikkalkula u jikkonverti l-valur tal-limiti fil-munita nazzjonali tiegħu, bl-użu tar-rati ta' konverżjoni tal-FMI. Ir-rati ta' konverżjoni għandhom ikunu l-medja tal-valuri tal-muniti nazzjonali rispettivi tagħhom f'termini tal-SDR ippubblikata mill-FMI fl-"Istatistika Finanzjarja Internazzjonali" ta' kull xahar tiegħu, matul il-perjodu ta' sentejn (2) qabel l-1 ta' Ottubru tas-sena qabel ma l-limiti jsiru effettivi. Il-limiti konvertiti għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara u għandhom jiġu ffissati għal sena (1); kif ukoll

(b) Il-valur tal-limiti kkalkulati ġodda għandu jsir disponibbli għall-pubbliku minn kull wieħed mill-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR, fil-munita nazzjonali tiegħu, qabel ma jidħlu fis-seħħ il-limiti rispettivi.

_____

ANNESS 20-O

AVVIŻ TA' AKKWISTI PPJANATI

Kull avviż tal-akkwist ppjanat għandu jinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra meħtieġa biex l-entità tal-akkwist tiġi kkuntattjata sabiex jinkisbu d-dokumenti rilevanti kollha relatati mal-akkwist, u l-kost u t-termini tal-pagament tagħhom, jekk ikun hemm;

(b) deskrizzjoni tal-akkwist kopert, inklużi n-natura u l-kwantità tal-oġġetti jew tas-servizzi li għandhom jiġu akkwistati jew, meta l-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata;

(c) il-metodu tal-akkwist li għandu jintuża u jekk jinvolvix negozjar jew irkant elettroniku;

(d) l-indirizz u d-data finali għat-tressiq tal-offerti;

(e) il-lingwa jew il-lingwi li bihom jistgħu jiġu sottomessi l-offerti jew it-talbiet għall-parteċipazzjoni, jekk jistgħu jiġu sottomessi b'lingwa li ma hijiex lingwa uffiċjali tal-Parti tal-entità tal-akkwist;

(f) għal kuntratti rikorrenti, jekk possibbli, stima taż-żmien tal-avviżi sussegwenti tal-akkwist ippjanat;

(g) deskrizzjoni ta’ kwalunkwe opzjoni;

(h) il-perjodu ta’ żmien għall-konsenja ta’ oġġetti jew servizzi jew it-tul ta’ żmien tal-kuntratt;

(i) fejn applikabbli, l-indirizz u kwalunkwe data finali għall-preżentazzjoni tat-talbiet għall-perteċipazzjoni fl-akkwist;

(j) lista u deskrizzjoni qasira ta' kwalunkwe kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-forniturі; kif ukoll

(k) fejn, skont l-Artikolu 20.15, entità tal-akkwist ikun beħsiebha tagħżel numru limitat ta’ forniturі kkwalifikati biex jiġu mistiedna li jitfgħu offerta, il-kriterji li għandhom jintużaw biex jintgħażlu u, fejn applikabbli, kull limitu fuq in-numru ta’ forniturі li jistgħu jitfgħu l-offerta;